



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 19.12.2007  
KUMM(2007) 856 finali

2007/0297 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**Li jistabilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn vetturi għall-użu ħafif**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Is-suq intern huwa magħmul minn żona mingħajr fruntieri interni li fiha jrid jiġi żgurat il-moviment ħieles tal-prodotti, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital.

Il-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li ġiet approvata f'isem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima<sup>1</sup>, tesiġi li l-partijiet kollha jifformulaw u jimplementaw programmi nazzjonali, u fejn xieraq reġjonali, li fihom miżuri li jimmitigaw it-tibdil tal-klima. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni f'Jannar 2007 pproponiet li, fil-kuntest tan-negozjati internazzjonali, l-UE ssegwi l-għan ta' tnaqqis ta' 30% fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-pajjiżi żviluppatti sa l-2020 (meta mqabbel mal-livelli ta' l-1990) u li l-UE għandha tiegħu impenn indipendenti sod biex tilħaq tnaqqis ta' mhux inqas minn 20% fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra sa l-2020 (meta mqabbel mal-livelli ta' l-1990).<sup>2</sup> Dan l-għan kien approvat mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.

Waħda mill-implikazzjoni ta' dawk l-impenji kienet li l-Istati Membri kollha jnaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet mill-karozzi tal-passiġġieri. Il-karozzi huma parti importanti mill-ħajja ta' kuljum ta' għadd kbir ta' Ewropej, u l-industrija tal-karozzi hija sors importanti ta' impjiegi u tkabbir ekonomiku f'bosta reġjuni ta' l-UE. L-użu tal-karozzi għandu wkoll impatti sinifikanti fuq it-tibdil fil-klima. L-użu tal-karozzi tal-passiġġieri huwa responsabbli għal madwar 12% ta' l-emissjonijiet globali mill-UE ta' dijossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>), li huwa l-aktar gass li jwassal għall-effett ta' serra. Sar titjib fit-teknoloġija tal-vetturi motorizzati, u b'mod partikolari dan wassal għal titjib ta' 12.4% fl-effiċjenza tal-konsum tal-fjuwil bejn l-1995 u l-2004. Madankollu, it-titjib fl-effiċjenza tal-fjuwil pattiet għalih l-aktar iż-żieda fid-domanda għat-trasport u fid-daqs tal-vetturi. Matul il-perjodu 1990-2004, filwaqt li l-UE globalment naqqset l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG) b'madwar 5% u l-emissjonijiet fis-setturi mhux marbuta mat-trasport naqsu, l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mit-trasport tat-triq żdiedu b'26%. Minkejja titjib sinifikanti fit-teknoloġija ta' vetturi motorizzati, b'mod partikolari l-effiċjenza tal-fjuwil, li jfisser ukoll emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> aktar baxxi, id-domanda għat-trasport u d-daqs tal-vetturi żdiedet u l-progress kien bil-mod wisq fil-kuntest tal-mira Komunitarja ta' 120 g CO<sub>2</sub>/km bħala medja ta' l-emissjonijiet mill-flotta tal-karozzi ġodda.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi assigurat it-tħaddim tajjeb tas-suq intern għall-karozzi tal-passiġġieri permezz ta' l-istabbiliment ta' regoli armonizzati biex l-emissjonijiet medji ta' CO<sub>2</sub> fil-flotta ta' karozzi ġodda fil-komunità jiġu limitati għal 130g CO<sub>2</sub>/km sa l-2012. Mingħajr armonizzazzjoni bħal din ikun hemm riskju għoli li s-suq intern jiġi mfixkel meta l-Istati Membri jfittxu li jieħdu azzjoni unilaterali sabiex itejbu l-effiċjenza tal-fjuwil tal-karozzi tal-passiġġieri u jitnaqqsu l-emissjonijiet ta'

---

<sup>1</sup> ĠU L 33, 7.2.1994, p. 11.

<sup>2</sup> COM(2007) 2.

CO<sub>2</sub>. Din hija parti mill-approċ integrat u se tkun ikkomplimentata minn miżuri li jwasslu għal tnaqqis ulterjuri ta' 10g CO<sub>2</sub>/km sabiex tintlaħaq il-mira Komunitarja ta' 120g CO<sub>2</sub>/km, kif previst fil-Komunikazzjoni (COM(2007) 19).

L-adozzjoni ta' miri Komunitarji għall-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri hija meħtieġa għall-prevenzjoni tal-frammentazzjoni fis-suq intern li tirriżulta mill-adozzjoni ta' miżuri differenti fuq il-livell ta' Stati Membri. Il-miri Komunitarji jipprovdu lill-manifatturi b'aktar ċertezza fl-ippjanar u aktar flessibilità biex jilhqqu r-rekwiżiti għat-tnaqqis ta' CO<sub>2</sub> milli kieku permezz ta' miri nazzjonali separati tat-tnaqqis. Fl-istabiliment ta' standards għall-emissjonijiet huwa importanti li jitqiesu l-implikazzjonijiet għas-swieq u l-kompetittività tal-manifatturi, l-istimular ta' l-innovazzjoni u t-tnaqqis tal-konsum ta' l-enerġija. Fl-istabiliment ta' standards bħal dawn, huwa importanti li tiġi pprovduta sigurtà fl-ippjanar madwar l-Ewropa għall-manifatturi tal-vetturi.

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jinħolqu inċentivi biex l-industrija tal-karozzi tinvesti f'teknoloġiji ġodda. Ir-Regolament jippromwovi attivament l-eko-innovazzjoni u jqis l-iżviluppi teknoloġiċi tal-ġejjieni. B'dan il-mod, il-kompetittività ta' l-Industrija Ewropea tittejjeb u jinħolqu aktar impjiegi ta' kwalità għolja.

- Il-kuntest ġenerali

Il-Kummissjoni l-ewwel adottat Strateġija Komunitarja biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi fl-1995. L-istrateġija kiennet ibbażata fuq tliet prinċipji: impenji volontarji mill-industrija tal-karozzi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, titjib fl-informazzjoni lill-konsumaturi u t-trawwim ta' karozzi effiċjenti mil-lat tal-fjuwil permezz ta' miżuri fiskali. Fl-1998, l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Karozzi adottat impenn sabiex il-medja ta' l-emissjonijiet mill-karozzi l-ġodda mibjugħa titnaqqas għal 140g ta' CO<sub>2</sub>/km sa l-2008 u, fl-1999, l-Assoċjazzjonijiet Ġappuniżi u Koreani tal-Manifatturi tal-Karozzi adottaw impenn simili sabiex inaqqsu l-medja ta' l-emissjonijiet mill-karozzi l-ġodda mibjugħa għal 140g CO<sub>2</sub>/km sa l-2009.

Fis-7 ta' Frar 2007, il-Kummissjoni adottat żewġ Komunikazzjonijiet paralleli. Komunikazzjoni dwar ir-riżultati tar-reviżjoni ta' l-Istrateġija Komunitarja sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief u Komunikazzjoni dwar Qafas Regolatorju Kompetittiv għas-Settur tal-Karozzi għas-Seklu 21 – CARS 21 ("il-Komunikazzjonijiet"). Il-Komunikazzjonijiet enfasizzaw li filwaqt li sar progress lejn il-ksib tal-mira ta' 140g CO<sub>2</sub>/km sa l-2008/9, il-mira Komunitarja ta' medja ta' 120g ta' emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>/km għall-flotta ta' karozzi ġodda ma kenitx se tintlaħaq jekk ma jittieħdux miżuri addizzjonali. Il-Komunikazzjonijiet għalhekk ipproponew l-adozzjoni ta' approċ integrat sabiex tintlaħaq il-mira Komunitarja u ħabbru li l-Kummissjoni kienet se tipproponi qafas leġiżlattiv sabiex l-għan Komunitarju jintlaħaq permezz ta' konċentrazzjoni fuq it-tnaqqis mandatorju ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>. B'hekk il-mira ta' 130 g CO<sub>2</sub>/km għall-medja tal-flotta ta' karozzi ġodda tintlaħaq permezz ta' titjib fit-teknoloġija ta' vetturi motorizzati u tnaqqis ulterjuri ta' 10 g CO<sub>2</sub>/km, jew ekwivalenti jekk teknikament meħtieġ, permezz ta' titjib teknoloġiku ieħor u aktar użu ta' bijofjuwils.

Il-Komunikazzjonijiet enfasizzaw li l-qafas leġiżlattiv għall-implimentazzjoni tal-mira għall-medja tal-flotta ta' karozzi ġodda għandu jassigura miri ta' tnaqqis sostenibbli li huma kompetittivament newtrali u soċjalment ġusti li jkunu ġusti għad-diversità tal-

manifatturi tal-karozzi Ewropej u jevitaw kwalunkwe tgħawwiġ mhux ġustifikat tal-kompetizzjoni bejn il-manifatturi tal-karozzi. Il-qafas leġislativ għandu jkun kompatibbli ma' l-għan globali, jiġifieri li jintlaħqu l-miri ta' l-UE rigward Kġoto.

F'Mejju 2007, il-Kunsill għall-Kompetittività appoġġa "qafas integrat kif propost mill-Kummissjoni, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-vetturi motorizzati" u enfażizza li "l-atturi kollha jridu jagħtu l-kontribut tagħhom biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' ħsara għall-klima" u li "l-opportunità għal qafas regolatorju li huwa ekonomiku, jassigura l-mobilità bi prezzijiet mhux projbittivi u li jikkontribwixxi għall-preservazzjoni tal-kompetittività ta' l-industrija tal-karozzi". F'Ġunju 2007, il-Kunsill Ambjentali "ħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex tipproponi, malajr kemm jista' jkun u qabel tmiem l-2007, qafas leġislativ sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-Karozzi (...)".

Dawn iż-żewġ formazzjonijiet tal-Kunsill, kif ukoll il-Kunsill tat-Trasport f'Ġunju 2007, appellaw "lill-Kummissjoni sabiex tqassam il-qafas ippjanat biex tinkiseb il-mira għall-medja ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-flotta ta' karozzi ġodda mibjugħa fl-UE fuq il-bażi ta' valutazzjoni ta' l-impatt bir-reqqa biex ikun newtrali kemm jista' jkun mil-lat tal-kompetizzjoni, u li jkun soċjalment ġust u sostenibbli. Għandu jkun imfassal b'tali mod li jiġi żgurat li l-manifatturi kollha jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex il-produzzjoni kollha tal-vetturi tagħhom issir aktar favorevoli għall-ambjent b'mod ekonomiku".

Fir-reżoluzzjoni tiegħu, li adottaha fl-24 ta' Ottubru 2007, il-Parlament Ewropew laqa' l-pjan tal-Kummissjoni li tipproponi leġislazzjoni u ppropona li mill-2011 'il quddiem ikunu implimentati miri vinkolanti fir-rigward ta' l-emissjonijiet, sabiex jiġi żgurat li sempliċement permezz ta' titjib tekniku lill-vetturi, il-medja tal-flotta ta' karozzi ġodda tilħaq il-125g CO<sub>2</sub>/km fl-2015. Il-Parlament irrakkomanda li l-miri tat-tnaqqis għandhom jiġu ddefiniti permezz ta' valur ta' limitu bbażat fuq il-*pass* (il-wisa' bejn ir-roti tax-xellug u tal-lemin immultiplikata bit-tul bejn ir-roti ta' quddiem u ta' wara) Il-Parlament insista wkoll fuq it-tieni pass li għandu jittieħed fir-rigward tal-mira aktar fit-tul: il-medja tal-flotta tal-karozzi l-ġodda għandha tilħaq il-95g ta' CO<sub>2</sub>/km sa l-2020 u possibbilment is-70g CO<sub>2</sub>/km sa l-2025, soġġetta għal konferma jew revizzjoni mill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-2016.

L-imġiba tal-Konsumaturi għandha effett fuq l-emissjonijiet kumplessivi mill-karozzi tal-passiġġieri. Il-konsumaturi għandhom jingħataw informazzjoni dwar jekk il-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri jilhqax il-miri ta' l-emissjonijiet. Il-Kummissjoni se tadotta proposta ta' emenda sabiex tittejjeb l-effikaċja tad-Direttiva 1999/94/KE rigward it-tikkettjar dwar l-effiċjenza tal-fjuwil. L-intaxxar tal-karozzi wkoll huwa strument b'saħħtu li jinfluwenza d-deċiżjonijiet ta' xiri tal-konsumaturi. It-taxxi differenzjati b'appoġġ għall-introduzzjoni fis-suq ta' karozzi effiċjenti mil-lat ta' konsum u b'emissjonijiet baxxi ta' CO<sub>2</sub> jistgħu jiffaċilitaw il-ksib tal-mira tal-Komunità. Il-Kummissjoni għamlet proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-intaxxar tal-karozzi tal-passiġġieri (COM(2005)61) li tippermetti għal din il-possibilità billi teħtieġ li t-taxxa tkun differenzjata fuq il-bażi ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> ta' kull karozza, bis-sehem ta' introjtu mit-taxxi marbuta ma' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> jiżdied minn ħamsa u għoxrin fil-mija għal ħamsin fil-mija.

Ir-reviżjoni ta' nofs il-mandat tal-*White Paper* dwar il-Politika Komuni tat-Trasport (COM(2006) 314) ikkonfermat mill-ġdid l-għanijiet tal-ħarsien ambjentali u l-

assigurazzjoni tas-sigurtà ta' l-enerġija, u semmiet l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> bħala waħda mill-isfidi.

- Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 1999/125/KE dwar it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi tal-passiġġieri <http://ec.europa.eu/environment/CO2/99125/en.pdf>.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2000/303/KE dwar it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi tal-passiġġieri (KAMA) <http://ec.europa.eu/environment/CO2/00303/en.pdf>.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2000/304/KE dwar it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi tal-passiġġieri (JAMA) <http://ec.europa.eu/environment/CO2/00304/en.pdf>.

Id-Deċiżjoni Nru 1753/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi skema biex timmonitorja il-medja ta' l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> minn karozzi tal-passiġġieri ġodda [http://ec.europa.eu/environment/CO2/001753/001753\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/environment/CO2/001753/001753_en.pdf).

- **Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Il-proposta hija konformi mat-tliet prinċipji ta' l-Istrateġija ta' Liżbona peress li r-rekwiżiti aktar stretti fuq l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u l-effiċjenza tal-fjuwil għandhom jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ambjentali ġodda, li min-naħa tagħhom, jistgħu jinkoraġġixxu l-esportazzjoni ta' teknoloġiji u vetturi b'valur miżjud għoli lil swieq emerġenti fejn iż-żejt huwa skars u jitrawmu impjegji bi kwalifikazzjonijiet għolja fl-Ewropa.

Il-proposta tikkontribwixxi wkoll għall-Istrateġija Mġedda ta' l-Iżvilupp Sostenibbli, li għet adottata mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2006 permezz ta' kontribut lejn mobilità aktar sostenibbli. Trasport aktar sostenibbli jiffaċilita l-ksib ta' għanijiet marbuta ma' l-iżvilupp sostenibbli. Din ir-relazzjoni hija partikolarment b'saħħitha bejn it-trasport, it-tibdil fil-klima, is-saħħa pubblika, il-konservazzjoni tar-riżorsi naturali u l-użu ta' l-enerġija.

## 2) KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

*Metodi ta' konsultazzjoni, setturi ewlenin fil-mira u profil ġenerali tar-rispondenti*

B'appoġġ għall-Komunikazzjonijiet preċedenti, l-ewwel sensiela ta' konsultazzjonijiet pubbliċi saret mill-Kummissjoni fl-2005-2006 permezz ta' l-internet. Din għet ikkomplementata minn grupp ta' ħidma ddedikat, stabbilit fil-kuntest tal-Programm Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima. Barra minn hekk, il-grupp ta' partijiet interessati CARS 21 irveda r-rwol tal-politika ambjentali u l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> bħala parti mill-iżvilupp ta' qafas kumplessiv ta' politika integrata għas-settur tal-karozzi.

B'dan ix-xogħol bħala pedament, saru dawn il-konsultazzjonijiet addizzjonali li ġejjin,

flimkien ma' studju estern immirat lejn l-investigazzjoni ta' approċċi regolatorji alternattivi sabiex jitnaqqas is-CO<sub>2</sub> fil-vetturi ħfief:

- Bejn il-5 ta' Mejju u l-15 ta' Lulju 2007, saret konsultazzjoni pubblika onlajn fuq l-internet, li kellha l-għan li tiġbor il-fehmiet tal-partijiet interessati kollha u wkoll tal-membri tal-pubbliku fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija riveduta għas-CO<sub>2</sub> u l-karozzi;

- B'appoġġ għal din il-konsultazzjoni bl-internet, il-Kummissjoni fil-11 ta' Lulju 2007 organizzat sessjoni ta' smiġh pubblika, fejn il-partijiet ikkonċernati direttament mil-leġiżlazzjoni ppjanata (l-industrija tal-karozzi, fornituri, NGOs ambjentali, msieħba soċjali, konsumaturi), kellhom l-opportunità jressqu l-pożizzjonijiet tagħhom.

#### Sinteżi tat-tweġibiet u kif dawn ġew ikkunsidrati

It-tagħrif miġbur permezz ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati tqies matul it-tfassil ta' l-iskema proposta. Id-dettalji dwar kif sar dan jinsabu fir-rapport ta' valutazzjoni ta' impatt li jakkumpanja din il-proposta.

Il-Kummissjoni rċeviet 2390 risposta għall-konsultazzjoni bl-internet li saret bejn Mejju u Lulju 2007. Ir-riżultati jinsabu fuq: [http://ec.europa.eu/reducing\\_CO2\\_emissions\\_from\\_cars/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/reducing_CO2_emissions_from_cars/index_en.htm) u, flimkien mar-rapport sħiħ tas-sessjoni ta' smiġh pubblika, jinsabu fil-qosor fl-anness tal-valutazzjoni ta' impatt li takkumpanja din il-proposta.

#### • **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

##### Oqsma ta' għarfien xjentifiku/espert involuti

(1) Għarfien espert mill-industrija tal-karozzi, inklużi l-manifatturi u (2) għarfien espert ta' mmudellar li pprovdewh il-konsulenti esterni (ara l-Anness I tal-Valutazzjoni ta' l-Impatt li takkumpanja din il-proposta għad-dettalji tad-dokumenti ta' referenza u konsiderazzjonijiet għall-qafas ta' mmudellar).

##### Il-metodoloġija użata

L-immudellar permezz ta' mudelli matematiċi formali u kalkoli bbażati fuq id-dejta statistika.

##### L-organizzazzjonijiet/esperti ewlenin ikkonsultati

Awtoritajiet pubbliċi, assoċjazzjonijiet industrijali, organizzazzjonijiet kummerċjali, organizzazzjonijiet ambjentali, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u konsulenti esterni.

##### Sinteżi tal-pariri miksuba u użati

Il-parir tal-konsulent estern intuża biex jiġu vvalutati l-implikazzjonijiet ta' l-għażliet varji ta' politika sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-proposta. Dawn l-għażliet u l-implikazzjonijiet tagħhom jinsabu fil-valutazzjoni ta' l-impatt li takkumpanja din il-proposta.

*Mezzi użati biex l-għarfien espert isir disponibbli pubblikament*

L-istudju li sar b'appoġġ għall-valutazzjoni ta' l-impatt, flimkien max-xogħol relatat preċedenti se jkunu disponibbli fuq dawn is-siti:  
[http://ec.europa.eu/environment/CO2/CO2\\_studies.htm](http://ec.europa.eu/environment/CO2/CO2_studies.htm)

[http://ec.europa.eu/enterprise/automotive/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/enterprise/automotive/index_en.htm)

- **Il-valutazzjoni ta' l-impatt**

Il-valutazzjoni ta' l-impatt qieset tliet alternattivi ewlenin:

L-ewwel għażla li tqieset kienet li jiġi ffixxat l-istess limitu ta' emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> għall-manifatturi kollha għall-medja tal-flotot ta' karozzi ġodda tagħhom fl-2012, jiġifieri l-mira ta' emissjonijiet medji ta' 130g CO<sub>2</sub>/km.

It-tieni alternattiva li tqieset kienet id-definizzjoni ta' kurva lineari li tindika l-valur ta' CO<sub>2</sub> li għandu jinkiseb minn karozza partikolari, fid-dawl ta' l-"utilità tagħha" (massa jew pass) sabiex il-medja tal-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri fl-2012 jilhqqu l-mira ta' 130g ta' CO<sub>2</sub>/km.

It-tielet u l-aħħar għażla kienet li l-manifatturi jkunu meħtieġa jnaqqsu l-emissjonijiet b'perċentwal fiss, skond kemm hu meħtieġ biex tintlaħaq il-mira ta' 130g ta' CO<sub>2</sub>/km fl-2012 meta mqabbla mal-qagħda fl-2006.

Għat-tliet alternattivi, tqiesu mekkaniżmi ta' flessibilità, inkluż il-kalkolu ta' medja għall-flotta kollha, l-għaqdiet u l-kummerċ ta' l-emissjonijiet fost il-manifatturi. Ġew investigati wkoll mekkaniżmi differenti ta' konformità. L-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali potenzjali tqiesu fid-dettall.

Il-valutazzjoni dettaljata ta' l-għażliet tinsab fil-valutazzjoni ta' l-impatt li takkumpanja l-proposta, u li tinsab f'dawn l-indirizzi:  
[http://ec.europa.eu/environment/CO2/CO2\\_home.htm](http://ec.europa.eu/environment/CO2/CO2_home.htm) u  
[http://ec.europa.eu/enterprise/automotive/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/enterprise/automotive/index_en.htm).

### 3) ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Sinteżi ta' l-azzjoni proposta**

Il-proposta għandha l-għan li tiżgura t-tħaddim tajjeb tas-suq intern għall-karozzi tal-passiġġieri billi jiġi żgurat li mill-2012 'il quddiem, l-emissjonijiet speċifiċi medji minn karozzi ġodda tal-passiġġieri ma jaqbżux il-130g ta' CO<sub>2</sub>/km.

L-elementi ewlenin tal-proposta huma:

- Il-proposta se tapplika għal vetturi tal-kategorija M1 (karozzi tal-passiġġieri).
- Il-proposta tistabbilixxi miri għall-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi ġodda tal-passiġġieri fil-Komunità bħala funzjoni tal-massa tagħhom.
- Il-proposta tistabbilixxi miri obligatorji għall-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi tal-passiġġieri mill-2012 'il quddiem. Il-miri għandhom japplikaw għall-

emissjonijiet medji speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> fi g/km għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri għal kull manifattur li huwa reġistrat fl-UE kull sena kalendarja. Il-Manifatturi jistgħu jingħaqdu flimkien biex jilhqgħu l-miri tagħhom. Meta żewġ manifatturi jew aktar jingħaqdu, l-għaqda titqies bħala manifattur wieħed għall-iskopijiet ta' determinazzjoni ta' konformità mal-miri.

- L-Istati Membri jkunu obbligati jiġbru dejta dwar il-karozzi l-ġodda rreġistrati fit-territorju tagħhom u jirrapportaw din id-dejta lill-Kummissjoni bil-għan li tiġi vvalutata l-konformità mal-miri.

- Jekk manifattur jonqos milli jilħaq il-mira tiegħu, dan ikollu jħallas primjum għall-emissjonijiet żejda fir-rigward ta' kull sena kalendarja mill-2012 'il quddiem. Il-primjum ikun ikkalkolat billi l-g ta' CO<sub>2</sub>/km li bihom tkun inqabżet il-mira jiġu mmultiplikati bl-għadd ta' karozzi rreġistrati u bil-multa għall-emissjonijiet żejda għal dik is-sena. Is-sanzjoni għall-emissjonijiet żejda se tkun ta' 20 euro għall-emissjonijiet fl-2012, 35 euro għall-emissjonijiet fl-2013, 60 euro għall-emissjonijiet fl-2014 u 95 euro għall-emissjonijiet fl-2015 u kull sena sussegwenti.

- Il-miri skond dan ir-Regolament huma stabbiliti fuq il-bażi ta' l-aqwa għarfien disponibbli, partikolarment fir-rigward ta' l-evoluzzjoni probabbli tal-flotta bejn issa u l-2012 fir-rigward taż-żieda awtonoma fil-piż.

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE huwa l-bażi ġuridika xierqa minħabba l-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti għall-atturi ekonomiċi kollha fis-suq intern filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa u ta' l-ambjent.

- **Prinċipju ta' sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri għar-raġunijiet li ġejjin:

Il-ħtieġa li jiġi evitat li jixirfu ostakli għas-suq intern, in-natura transkonfinali tat-tibdil fil-klima u l-varjazzjonijiet kbar fil-medji nazzjonali ta' l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> għall-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri: il-monitoraġġ ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn karozzi ġodda fil-medja juru li emissjonijiet mill-flotot nazzjonali ta' karozzi ġodda jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor (fl-2006, il-karozzi ġodda li nbigħu fil-Portugall, fil-medja kellhom emissjonijiet ta' 144g ta' CO<sub>2</sub>/km, meta mqabbla mal-187 g ta' CO<sub>2</sub>/km fl-Iżvezja) u b'riżultat ta' dan l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jimplimentaw miżuri nazzjonali b'tali mod li tintlaħaq il-medja ta' 130g ta' CO<sub>2</sub>/km għall-UE kollha kemm hi.

L-għanijiet tal-proposta jintlaħqu aħjar permezz ta' azzjoni Komunitarja għar-raġunijiet li ġejjin:

Azzjoni armonizzata li tnaqqas l-impatt tat-tibdil fil-klima mill-karozzi tal-passiġġieri tista' tinkiseb l-aħjar permezz ta' l-adozzjoni ta' leġislazzjoni fuq il-livell Komunitarju.



L-adozzjoni ta' miri għall-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi fuq il-livell Komunitarju trażżan il-frammentazzjoni tas-suq intern u ttiprovdi lill-manifatturi b'aktar flessibilità biex jimplimentaw it-tnaqqis ta' CO<sub>2</sub> meħtieġ fil-flotta ta' karozzi ġodda fil-Komunità minflok ma jkun hemm strateġiji speċifiċi għal għanijiet nazzjonali speċifiċi ta' tnaqqis.

Il-Komunità għandha l-mira fundamentali li tnaqqas il-medja ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi l-ġodda fil-Komunità, u l-Kunsill u l-Parlament Ewropew appellaw lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għal-leġislazzjoni f'dan ir-rigward.

L-ambitu tal-proposta huwa limitat għad-definizzjoni tal-miri tal-manifatturi fir-rigward tal-ksib ta' emissjoni medja mill-flotta ta' karozzi ġodda ta' 130g ta' CO<sub>2</sub>/km mingħajr ma jkunu stipulati miżuri komplementari (rekwiżiti ta' reklamar, inċentivi fiskali) li l-Istati Membri jistgħu jieħdu u li jistgħu jikkontribwixxu għall-għan ġenerali li jitnaqqas is-CO<sub>2</sub> mill-karozzi, minkejja li dawn fihom infushom ma jkunux biżżejjed biex tintlaħaq il-mira ta' 130g ta' CO<sub>2</sub>/km.

Għaldaqstant, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet marbuta mat-tħaddim xieraq tas-suq intern filwaqt li ttiprovdi għal livell għoli ta' ħarsien ambjentali.

Il-proposta hija proporzjonata ma' l-għan ġenerali ta' l-UE li tilħaq il-miri ta' Kyoto tagħha u tistabbilixxi miri ta' tnaqqis sostenibbli li huma kompetittivament newtrali u soċjalment ġusti u li huma ġusti għad-diversità tal-manifatturi tal-karozzi Ewropej u jevitaw kwalunkwe tgħawwiġ mhux ġustifikat tal-kompetizzjoni bejn il-manifatturi tal-karozzi.

Il-proposta se tibni fuq l-iskema ta' monitoraġġ li diġà teżisti u li ġiet stabbilita sabiex jingħata segwitu għall-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' CO<sub>2</sub> u l-karozzi.

- **Għażla ta' strumenti**

L-istrument propost: regolament.

Mezzi oħrajn ma jkunux xierqa għar-raġunijiet li ġejjin:

Ir-Regolament jirriżulta mill-fatt li l-impenji volontarji li ħadet l-industrija tqiesu li ma kinux biżżejjed għal aktar progress bħala parti mill-istrateġija riveduta ta' CO<sub>2</sub> u l-karozzi (qafas leġislattiv li jimplimenta l-approċċ integrat).

L-użu ta' Regolament jitqies xieraq sabiex jipprovdi l-assigurazzjoni meħtieġa għal konformità filwaqt li ma jirrikjedix traspożizzjoni fil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri. L-għan Komunitarju japplika għall-Komunità kollha kemm hi. Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi assicurata l-applikazzjoni ta' approċċ uniformi fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, huwa meħtieġ approċċ armonizzat sabiex jiġi evitat tgħawwiġ tal-kompetizzjoni li jista' jkollu impatti fuq is-suq intern.

#### 4) L-IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

L-implimentazzjoni tal-proposta, ladarba tiġi adottata, tkun teħtieġ riżorsi fuq il-livell ta' l-UE sabiex ir-rendiment tal-manifatturi f'dak li għandu x'jaqsam mal-miri tattaqqis ta' CO<sub>2</sub> jiġi sorveljat b'mod adegwat, u fejn meħtieġ, biex jiġu amministrati primjums għall-emissjonijiet żejda, kif ipprovdut fil-leġislazzjoni, li jiddaħħlu fil-baġit ġenerali ta' l-UE.

#### 5) TAGĦRIF IEĦOR

- **Revoka tal-leġislazzjoni eżistenti**

L-adozzjoni tal-proposta twassal għar-revoka tal-leġislazzjoni eżistenti.

- **Il-klawżola ta' analiżi/reviżjoni/estinzjoni**

Din il-proposta tinkludi klawżola ta' reviżjoni.

- Iż-Żona Ekonomika Ewropea
- L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għaldaqstant għandu japplika għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**Li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karożżi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn vetturi għall-użu ħafif**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni<sup>3</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>4</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>5</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat<sup>6</sup>,

Billi:

- (1) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiġu stabbiliti standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karożżi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fil-Komunità sabiex jiġi żgurati it-tħaddim tajjeb tas-suq intern u li jwassal parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn vetturi għall-użu ħafif.
- (2) Is-suq intern huwa magħmul minn żona mingħajr fruntieri interni li fiha jrid jiġi żgurati il-moviment ħieles tal-prodotti, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital. Il-Komunità stabbilixxiet suq intern li jaħdem tajjeb fis-settur tal-karożżi, u dan ħoloq bażi solida għall-kummerċ intra Komunitarju mingħajr xkiel fil-prodotti tal-karożżi. Il-miri għall-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> għandhom jiġu armonizzati sabiex jiġu evitati rekwiżiti differenti minn Stat Membru għal ieħor, sabiex jiġu ppreservati l-kisbiet tas-suq intern u jiġi żgurati il-moviment ħieles tal-karożżi tal-passiġġieri fil-Komunità filwaqt li jiġi żgurati livell għoli ta' ħarsien ambjentali.
- (3) Il-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li ġiet approvata fisem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993 li ttrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti

---

3 ĠU C [...], [...], p. [...].

4 ĠU C [...], [...], p. [...].

5 ĠU C [...], [...], p. [...].

6 ĠU C [...], [...], p. [...].

dwar il-Kambjamenti tal-Klima<sup>7</sup>, tesiġi li l-partijiet kollha jiformulaw u jimplementaw programmi nazzjonali, u fejn xieraq reġjonali, li fihom miżuri li jimmitigaw it-tibdil tal-klima. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni f'Jannar 2007 pproponiet li, fil-kuntest tan-negozjati internazzjonali, l-UE ssegwi l-għan ta' tnaqqis ta' 30% fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-pajjiżi żviluppati sa l-2020 (meta mqabbel mal-livelli ta' l-1990) u li l-UE għandha tiegħu impenn indipendenti sod biex tilħaq tnaqqis ta' mhux inqas minn 20% fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra sa l-2020 (meta mqabbel mal-livelli ta' l-1990).<sup>8</sup> Dan l-għan kien approvat mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.

- (4) Waħda mill-implikazzjoni ta' dawk l-impenji kienet li l-Istati Membri kollha jnaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet mill-karozzi tal-passiġġieri. Għandhom jiġu implimentati politiki u miżuri fuq il-livell ta' l-Istati Membri u tal-Komunità fis-setturi kollha ta' l-ekonomija Komunitarja, u mhux biss fis-setturi ta' l-industrija u ta' l-enerġija, sabiex jiġi ġenerat it-tnaqqis sostanzjali meħtieġ fl-emissjonijiet. It-trasport bit-triq huwa t-tieni l-akbar settur f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-UE, u l-emissjonijiet minn dan is-settur qed ikomplu jiżdiedu. Jekk l-impatt tat-trasport bit-triq fuq it-tibdil tal-klima jkompli jiżdied, se jhedded b'mod sinifikanti it-tnaqqis li jagħmlu setturi oħra biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima.
- (5) L-adozzjoni ta' miri Komunitarji għall-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri hija meħtieġa għall-prevenzjoni tal-frammentazzjoni fis-suq intern li tirriżulta mill-adozzjoni ta' miżuri differenti fuq il-livell ta' Stati Membri. Il-miri Komunitarji jipprovdu lill-manifatturi b'aktar ċertezza fl-ippjanar u aktar flessibilità biex jilhqnu r-rekwiżiti għat-tnaqqis ta' CO<sub>2</sub> milli kieku permezz ta' miri nazzjonali separati tat-tnaqqis. Fl-istabbiliment ta' standards għall-emissjonijiet huwa importanti li jitqiesu l-implikazzjonijiet għas-swieq u l-kompetittività tal-manifatturi, l-ispejjeż diretti u indiretti imposti fuq in-negozju u l-benefiċċji li jakkumulaw f'dak li jirrigwarda l-istimular ta' l-innovazzjoni u t-tnaqqis tal-konsum ta' l-enerġija.
- (6) Dan ir-Regolament jibni fuq il-proċess stabbilit ferm ta' tkejjil u monitoraġġ ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tal-manifatturi tal-vetturi fuq il-livell Ewropew skond id-Deċiżjoni Nru 1753/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2000 li tistabbilixxi skema biex timmonitorja l-medja ta' l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> minn karozzi tal-passiġġieri ġodda<sup>9</sup> u huwa importanti li l-istabbiliment ta' rekwiżiti għat-tnaqqis ta' CO<sub>2</sub> jibqa' jipprovdi prevedibbiltà u sigurtà ta' l-ippjanar madwar il-Komunità għall-manifatturi tal-vetturi fil-flotta kollha tal-vetturi tagħhom fil-Komunità.
- (7) Il-Kummissjoni adottat Strateġija Komunitarja biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi fl-1995.<sup>10</sup> L-istrateġija kienet ibbażata fuq tliet prinċipji: impenji volontarji mill-industrija tal-karozzi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, titjib fl-informazzjoni lill-konsumaturi u t-trawwim ta' karozzi effiċjenti mil-lat tal-fjuwil permezz ta' miżuri fiskali.

---

7      ĠU L 33, 7.2.1994, p. 11.

8      COM(2007) 2.

9      ĠU L 202, 10.8.2000, p.1.

10     COM(95) 689 finali

- (8) Fl-1998, l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Karozzi (ACEA) adottat impenn sabiex titnaqqas il-medja ta' l-emissjonijiet mill-karozzi l-ġodda mibjugħa għal 140g ta' CO<sub>2</sub>/km u, fl-1999, l-Assoċjazzjoni ta' Manifatturi tal-Karozzi Ġappuniżi (JAMA) u l-Assoċjazzjoni tal-Manifatturi tal-Karozzi Koreani (KAMA) adottaw impenn simili sabiex inaqqsu l-medja ta' l-emissjonijiet mill-karozzi l-ġodda mibjugħa għal 140g CO<sub>2</sub>/km sa l-2009. Dawn l-impenji ġew rikonoxxuti mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 1999/125/KE dwar it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi tal-passiġġieri<sup>11</sup> (ACEA); ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 1999/303/KE tat-13 ta' April 2000 dwar it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi tal-passiġġieri (KAMA)<sup>12</sup> u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2000/303/KE tat-13 ta' April 2000 dwar it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi tal-passiġġieri (JAMA)<sup>13</sup>.
- (9) Fis-7 ta' Frar 2007, il-Kummissjoni adottat żewġ Komunikazzjonijiet paralleli: Komunikazzjoni dwar ir-riżultati tar-reviżjoni ta' l-Istrateġija Komunitarja sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief<sup>14</sup> u Komunikazzjoni dwar Qafas Regolatorju Kompetittiv tal-Karozzi għas-Seklu 21 – CARS 21<sup>15</sup>. Il-Komunikazzjonijiet enfasizzaw li filwaqt li sar progress lejn il-ksib tal-mira ta' 140 g CO<sub>2</sub>/km sa l-2008/2009, il-mira Komunitarja ta' medja ta' 120 g emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>/km ma kenitx se tintlaħaq jekk ma jittieħdux miżuri addizzjonali.
- (10) I-Komunikazzjonijiet ipproponew approċċ integrat sabiex tintlaħaq il-mira Komunitarja ta' 120g CO<sub>2</sub>/km sa l-2012 u ħabbru li l-Kummissjoni kienet se tipproponi qafas leġiżlattiv biex tilħaq l-għan Komunitarju billi tiffoka fuq it-tnaqqis mandatorju ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>. B'hekk tintlaħaq il-mira ta' 130 g CO<sub>2</sub>/km għall-medja tal-flotta ta' karozzi ġodda permezz ta' titjib fit-teknoloġija ta' vetturi motorizzati. B'konsistenza ma' l-approċċ taħt l-impenji volontarji adottati mill-manifatturi, dan ikopri dawk l-elementi li jitqiesu fil-kejl ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tal-karozzi tal-passiġġieri skond ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi<sup>16</sup>. Tnaqqis ulterjuri ta' 10 g CO<sub>2</sub>/km, jew ekwivalenti jekk teknikament meħtieġ, se jirriżulta minn titjib teknoloġiku ieħor u minn użu aktar mifrux tal-bijofjuwils. Barra minn hekk, l-imġieba tal-konsumaturi għandha effett fuq l-emissjonijiet globali mill-karozzi tal-passiġġieri u għalhekk il-konsumaturi għandhom jingħataw tagħrif dwar jekk karozzi ġodda tal-passiġġieri jilħqux il-miri għall-emissjonijiet stabbiliti taħt dan ir-Regolament.
- (11) Il-qafas leġiżlattiv għall-implimentazzjoni tal-mira għall-medja tal-flotta ta' karozzi ġodda għandu jassigura miri ta' tnaqqis sostenibbli li huma kompetittivament newtrali u soċjalment ġusti li jkunu ġusti għad-diversità tal-manifatturi tal-karozzi Ewropej u jevitaw kwalunkwe tgħawwiġ mhux ġustifikat tal-kompetizzjoni bejn il-manifatturi tal-karozzi. Il-qafas leġiżlattiv għandu jkun kompatibbli ma' l-għan globali, jiġifieri li

11 C(1999) 107 ĠU L 40, 13.2.1999, p. 49.

12 C(2000) 803, ĠU L 100, 20.4.2000, p. 55.

13 C(2000) 801, ĠU L 100, 20.4.2000, p. 57.

14 COM(2007) 19 finali

15 COM(2007) 22 finali

16 ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1.

jintlaħqu l-miri ta' l-UE rigward Kjoto, u għandu jiġi appoġġat minn strumenti oħra aktar relatati ma' l-użu bħad-differenzjazzjoni tat-taxxi fuq il-karozzi u fuq l-enerġija.

- (12) Sabiex tinżamm id-diversità tas-suq tal-karozzi u l-kapaċità tiegħu li jindirizza ħtiġijiet ta' konsumaturi diversi, il-miri ta' CO<sub>2</sub> għall-karozzi tal-passiġġieri għandhom ikunu ddefiniti bħala funzjoni ta' l-utilità tal-karozzi fuq bażi lineari. Biex niddekrivu din l-utilità, il-massa hija l-aqwa parametru peress li tipprovdi korrelazzjoni sodisfaċenti ma' l-emissjonijiet attwali u għalhekk tirriżulta f'miri aktar realistiċi u newtrali mil-lat ta' kompetizzjoni, filwaqt li d-dejta dwar il-massa hija aktar faċilment disponibbli. Id-dejta dwar il-parametru ta' utilità alternattiv tad-"daqs tal-pass" (wisa' bejn rota u oħra mmultiplikata bejn it-tul bejn rota u oħra) madankollu għandha tinġabar sabiex jiġu faċilitati evalwazzjonijiet aktar fit-tul ta' l-approċċ ibbażat fuq l-utilità. Fl-istabbiliment tal-miri, l-evoluzzjoni antiċipata tal-massa tal-karozzi l-ġodda sa l-2012 għandha titqies, u għandhom jiġu evitati inċentivi biex tiżdied il-massa tal-vetturi sempliċement sabiex tiġi sfruttata ż-żieda konsekwenzjali tal-mira tat-tnaqqis ta' CO<sub>2</sub>. Għalhekk, iż-żieda awtonoma li possibilment tevolvi fil-ġejjieni fir-rigward tal-massa ta' vetturi manifatturati u mibjugħa fuq is-suq ta' l-UE għandha titqies meta jkunu qed jiġu ddefiniti l-miri għall-2012. Fl-aħħarnett, id-differenzjazzjoni tal-miri għandha tinkoraġġixxi tnaqqis fl-emissjonijiet fil-kategoriji kollha tal-karozzi filwaqt li jiġi rikonoxxut li jista' jsir tnaqqis akbar ta' l-emissjonijiet għal karozzi itqal.
- (13) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jinħolqu inċentivi biex l-industrija tal-karozzi tinvesti f'teknoloġiji ġodda. Ir-Regolament jipromwovi attivament l-eko-innovazzjoni u jqis l-iżviluppi teknoloġiċi tal-ġejjieni. B'dan il-mod, il-kompetittività ta' l-Industrija Ewropea titejjeb u jinħolqu aktar impjiegi ta' kwalità għolja.
- (14) Għall-konsistenza ma' l-approċċ li ġie adottat fil-kuntest ta' l-istrateġija tal-Kummissjoni rigward is-CO<sub>2</sub> u l-karozzi, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-impenji li għamlu l-assoċjazzjonijiet tal-manifatturi, il-mira għandha tiġi applikata għal karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fil-Komunità għall-ewwel darba u li qatt ma kienu rreġistrati barra l-Komunità, ħliel għal perjodu limitat sabiex jiġu evitati l-abbużi.
- (15) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi<sup>17</sup> tistabbilixxi qafas armonizzat li fih id-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi ġenerali għall-approvazzjoni tal-vetturi l-ġodda kollha fl-ambitu tagħha. L-entità responsabbli għall-konformità ma' dan ir-Regolament għandha tkun l-istess entità responsabbli għall-aspetti kollha tal-proċess ta' l-approvazzjoni tat-tip skond dak ir-Regolament u għall-assigurazzjoni tal-konformità tal-produzzjoni.
- (16) Vetturi għal użi speċjali li għalihom japplikaw rekwiżiti speċifiċi għall-iskopijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip, inklużi vetturi mibnija speċifikament għal skopijiet kummerċjali biex jakkomodaw l-użu tal-*wheelchairs* ġewwa l-vettura skond il-politika tal-Komunità biex tingħata għajjnuna lill-persuni b'diżabilità, għandhom jiġu esklużi mill-ambitu ta' dan ir-Regolament.

---

17 ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

- (17) Il-manifatturi għandhom ikollhom il-flessibilità biex jiddeċiedu kif se jilhq u l-miri tagħhom skond dan ir-Regolament, u għandhom jitħallew iqassmu l-emissjonijiet fuq il-flotta tal-karozzi l-ġodda aktar milli jkollhom jirrispettaw il-miri ta' CO<sub>2</sub> għal kull karozza individwali. Il-manifatturi għalhekk għandhom ikunu meħtieġa jiżguraw li l-emissjoni medja speċifika għall-karozzi l-ġodda kollha rreġistrati fil-Komunità li huma responsabbli għalihom ma jaqbżux il-medja tal-miri ta' l-emissjonijiet għal dawk il-karozzi.
- (18) Sabiex il-manifatturi jkollhom il-flessibilità, jistgħu jaqblu bejniethom biex jingħaqdu f'forma miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja sabiex jilhq u flimkien il-miri tagħhom taħt din il-proposta. Il-ftehim biex tiġi fformata għaqda m'għandux jaqbeż il-ħames snin, iżda jista' jiġġedded. Meta l-manifatturi jingħaqdu, għandhom jittqiesu li jkun laħqu l-mira tagħhom jekk il-medja ta' l-emissjonijiet mill-għaqda li jiffurmaw ma taqbiżx l-emissjonijiet fil-mira għall-għaqda kollha kemm hi.
- (19) Huwa meħtieġ mekkaniżmu ta' konformità sod sabiex jiġi żgurat li l-miri f'dan ir-Regolament jintlaħqu.
- (20) L-emissjonijiet speċifiċi ta' dijossidu tal-karbonju minn karozzi ġodda tal-passiġġieri jitkejlu fuq bażi armonizzata fil-Komunità skond il-metodoloġija stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 715/2007. Sabiex il-piż amministrattiv ta' l-iskema jitnaqqas kemm jista' jkun, il-konformità ma' din l-iskema għandu jitkejjel permezz ta' referenza għad-dejta dwar ir-reġistrazzjoni ta' karozzi ġodda fil-Komunità miġbura mill-Istati Membri u rrapurtata lill-Kummissjoni Biex tiġi żgurata l-konsistenza tad-dejta li tintuża għall-valutazzjoni tal-konformità, ir-regoli għall-ġbir u r-rappurtar ta' din id-dejta għandhom jiġu armonizzati kemm jista' jkun.
- (21) Id-Direttiva 2007/46/KEE tipprovdi li l-manifatturi għandhom joħorġu ċertifikat tal-konformità li għandu jakkumpanja kull karozza tal-passiġġieri ġdida u li l-Istati Membri għandhom jippermettu r-reġistrazzjoni u d-dħul fis-servizz ta' karozza tal-passiġġieri ġdida biss jekk din ikollha magħha ċertifikat validu tal-konformità. Id-dejta miġbura mill-Istati Membri għandha tkun konsistenti ma' ċertifikat tal-konformità maħruġ mill-manifattur għall-karozza tal-passiġġieri.
- (22) Il-konformità tal-manifatturi mal-miri f'dan ir-Regolament għandhom jiġu vvalutati fuq il-livell Komunitarju. Il-manifatturi li l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> tagħhom jaqzbu dawk permessi f'dan ir-Regolament għandhom iħallsu primjum għall-emissjonijiet żejda fir-rigward ta' kull sena kalendarja mill-2012 'il quddiem. Il-primjum għandu jkun ibbażat fuq kemm il-manifatturi jkun naqsu milli jilhq u l-mira tagħhom. Għandu jiżdied biż-żmien. Sabiex ikun ta' inċentiv biżżejjed biex jittieħdu miżuri għat-tnaqqis ta' emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi tal-passiġġieri, il-primjum għandu jirrifletti l-ispejjeż teknoloġiċi. L-ammonti tal-primjum fuq l-emissjonijiet żejda għandhom jittqiesu bħala dħul għall-baġit ta' l-Unjoni Ewropea.
- (23) Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni sħiħa tar-regoli Komunitarji dwar il-Kompetizzjoni.
- (24) Fid-dawl tal-prijorità li hija marbuta b'mod interenti mat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>, l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fuq il-livell tal-Komunità għandha tkun appoġġata mill-Istrument Finanzjarju Komunitarju għall-Ambjent (LIFE+) skond ir-regoli u l-kundizzjonijiet applikabbli għar-Regolament (KE) Nru 614/2007 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE+)<sup>18</sup>

- (25) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni ikkonferiti fuq il-Kummissjoni.<sup>19</sup>
- (26) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda r-rekwiżiti ta' monitoraġġ u rappurtar fid-dawl ta' l-esperjenza ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, sabiex tistabilixxi metodi għall-ġbir ta' primjums fuq l-emissjonijiet żejda u biex tadotta dispożizzjonijiet dettaljati għat-titjib tad-deroga speċjali għall-manifatturi indipendenti ta' volumi żgħar. Peress li daww il-miżuri għandhom ambitu ġenerali u ġew imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament kif ukoll biex jissupplimentaw dan ir-Regolament biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju previst fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- (27) Id-Deċiżjoni 1753/2000/KE għandha tkun revokata għal raġunijiet ta' simplifikar u ċarezza legali.
- (28) Ladarba l-għan ta' l-azzjoni proposta ma jistax jintlaħaq meta l-Istati Membri jaġixxu individwalment u għalhekk jista', minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni proposta, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx 'il hinn minn dak meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*  
**Suġġett u għanijiet**

Dan ir-Regolament jistabilixxi r-rekwiżiti ta' rendiment rigward l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn karozzi ġodda tal-passiġġieri, sabiex jiġi żgurat it-tħaddim xieraq tas-suq intern u sabiex jintlaħaq l-għan kumplessiv ta' l-UE li l-flotta medja ta' karozzi ġodda għandha tikseb emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> ta' 120g CO<sub>2</sub>/km. Ir-Regolament jistabilixxi l-emissjonijiet medji ta' CO<sub>2</sub> għall-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri f'livell ta' 130g CO<sub>2</sub>/km permezz ta' titjib fit-teknoloġija tal-vetturi motorizzati kif imkejla skond ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu. Dan ir-Regolament għandu jiġi appoġġat minn miżuri addizzjonali li jikkorrispondu għal 10g/km bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità.

---

18 OJ L 149, 9.6.2007, p.1.

19 ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).



## *Artikolu 2*

### **Ambitu**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal vetturi bil-mutur tal-kategorija M<sub>1</sub> kif definiti fl-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE b'massa ta' referenza li ma taqbiżx l-2 610 kg u vetturi li għalihom hija estiża l-approvazzjoni tat-tip skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 ('karożżi tal-passiġġieri') li huma rreġistrati fil-Komunità għall-ewwel darba u li qatt ma kienu rreġistrati barra l-Komunità ('karożżi ġodda tal-passiġġieri').
2. Reġistrazzjoni preċedenti barra l-Komunità ta' inqas minn tliet xhur qabel ir-reġistrazzjoni fil-Komunità m'għandhiex titqies.
3. Ma japplikax għal vetturi għal skopijiet speċjali kif definiti fil-paragrafu 5 ta' l-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE.

## *Artikolu 3*

### **Definizzjonijiet**

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) 'emissjonijiet medji ta' CO<sub>2</sub>' tfisser, fir-rigward ta' manifattur, il-medja ta' emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> mill-karożżi ġodda kollha tal-passiġġieri, prodotti minn dak il-manifattur;
  - (b) 'ċertifikat tal-konformità' tfisser iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2007/46/KE<sup>20</sup>;
  - (c) 'manifattur' tfisser il-persuna jew il-korp responsabbli lejn l-awtorità ta' approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE u biex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni;
  - (d) 'massa' tfisser il-massa tal-karożza bil-karrozzerija, f'kundizzjoni li taħdem, kif iddikjarata fiċ-ċertifikat tal-konformità u kif definita fis-Sezzjoni 2.6 ta' l-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE;
  - (e) 'emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub>' tfisser l-emissjonijiet minn karożza tal-passiġġieri mkejla skond ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u speċifikati bħala l-massa ta' emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> (ikkombinati) fiċ-ċertifikat ta' konformità;
  - (f) 'mira ta' emissjonijiet speċifiċi' tfisser, fir-rigward ta' manifattur, il-medja ta' emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> permessi skond l-Anness I fir-rigward ta' kull karożza ġdida tal-passiġġieri, prodotta minn dak il-manifattur, jew jekk il-manifattur ngħata deroga taħt l-Artikolu 9, l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> permessi skond dik id-deroga.

---

<sup>20</sup> ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

2. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, il-manifatturi jitiqesu bħala konnessi jekk huma impriżi konnessi. 'Impriżi konnessi' tfisser:
- (g) impriżi li fihom parti kontraenti fi ftehim ma impriża waħda jew oħra, direttament jew indirettament:
    - (i) ikollhom is-setgħa jeżerċitaw aktar minn nofs id-drittijiet tal-vot; jew
    - (ii) ikollhom is-setgħa li jaħtru aktar minn nofs il-membri tal-bord superviżorju, bord ta' ġestjoni jew korpi li jirrappreżentaw lill-impriża ġuridikament; jew
    - (iii) ikollhom id-dritt ta' ġestjoni ta' l-affarijiet ta' l-impriża;
  - (h) impriżi li direttament jew indirettament għandhom id-drittijiet jew setgħat elenkati fil-punt (a) fuq parti għal ftehim bħal dan;
  - (i) impriżi li fihom impriża msemija fil-punt (b) għandha, direttament jew indirettament, id-drittijiet jew setgħat elenkati fil-punt (a);
  - (j) impriżi li fihom parti kontraenti fi ftehim bħal dan flimkien ma' impriża waħda jew aktar imsemija fil-punti (a), (b) jew (c), jew li fihom tnejn jew aktar mill-impriżi ta' l-aħħar, flimkien għandhom id-drittijiet jew setgħat elenkati fil-punt(a);
  - (k) impriżi li fihom id-drittijiet jew is-setgħat elenkati f'(a) huma miżmuma flimkien minn:
    - (i) partijiet għal ftehimiet bħal dawn jew l-impriżi rispettivi konnessi msemija fil-punti (a) sa (d); jew
    - (ii) parti kontraenti waħda jew aktar għal ftehimiet bħal dawn jew impriża konnessa tagħhom waħda jew aktar imsemija fil-punti (a) sa (d) u parti terza waħda jew aktar.

#### *Artikolu 4*

#### **Miri speċifiċi ta' emissjonijiet**

Għas-sena kalendarja li tibda mill-1 ta' Jannar 2012 u kull sena kalendarja sussegwenti, kull manifattur tal-karozzi tal-passiġġieri għandu jassigura li l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> ma jaqbżux il-mira speċifika ta' emissjonijiet determinata skond l-Anness I jew, fejn manifattur ngħata deroga taħt l-Artikolu 9, skond dik id-deroga.

#### *Artikolu 5*

#### **Għaqdiet**

1. Il-manifatturi, minbarra dawk il-manifatturi li ngħataw deroga taħt l-Artikolu 9, jistgħu jiffurmaw għaqda bil-għan li jilhqqu l-obbligi tagħhom skond l-Artikolu 4.

2. Ftehim dwar l-iffurmar ta' għaqda jista' jirrigwarda sena kalendarja waħda jew aktar bil-kundizzjoni li l-perjodu kumplessiv ta' kull ftehim ma jaqbiżx il-ħames snin kalendarji u għandu jibda' fi jew qabel il-31 ta' Diċembru fl-ewwel sena kalendarja li fiha jkunu se jingħaqdu l-emissjonijiet. Il-manifatturi li jiffurmaw għaqda għandhom jirreġistraw l-informazzjoni għand il-Kummissjoni:
  - (a) li tispeċifika l-manifatturi li jkunu inklużi f'din l-għaqda;
  - (b) li tinnomina wieħed mill-manifatturi bħala l-maniġer ta' l-għaqda u li jkun il-punt ta' kuntatt għall-għaqda filwaqt li jkun responsabbli għall-ħlas ta' kwalunkwe primjum għall-emissjonijiet żejda li jiġi impost fuq l-għaqda skond l-Artikolu 7; kif ukoll
  - (c) li tagħti prova li l-maniġer ta' l-għaqda jkun kapaċi jissodisfa l-obbligi tiegħu skond il-punt (b).
3. Meta l-maniġer ta' l-għaqda propost jonqos milli jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt (c) tal-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-manifatturi.
4. Il-manifatturi inklużi f'għaqda għandhom flimkien jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla għall-maniġer ta' l-għaqda jew l-istatus finanzjarju tagħha sal-punt li dan jaffettwa l-kapaċità tagħha li tissodisfa l-obbligi tal-punt (c) tal-paragrafu 2, kwalunkwe tibdil għall-membri ta' l-għaqda jew ix-xoljiment ta' l-għaqda.
5. Il-manifatturi jistgħu jidħlu għal arranġamenti ta' tagħqid bil-kundizzjoni li l-ftehimiet tagħhom ikunu f'konformità ma' l-Artikolu 81 u 82 tat-Trattat u li jippermettu l-parteċipazzjoni miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja f'termini kummerċjalment raġjonevoli minn kwalunkwe manifattur li jitlob li jsir membru ta' l-għaqda. Bla ħsara għall-applikabilità ġenerali tar-regoli tal-Kompetizzjoni ta' l-UE għal għaqdiet bħal dawn, il-membri kollha ta' għaqda għandhom jiżguraw b'mod partikolari li l-ebda skambju ta' dejta u lanqas ta' informazzjoni ma jista' jsir fil-kuntest ta' l-arranġament ta' tagħqid tagħhom, ħlief għal dan li ġej:
  - (i) l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub>;
  - (ii) il-mira speċifika ta' l-emissjonijiet;
  - (ii) l-għadd totali ta' vetturi rreġistrati.
6. Il-Paragrafu 5 m'għandux japplika meta l-manifatturi kollha inklużi fl-għaqda jkunu impriżi b'konnessjonijiet.
7. Ħlief fejn tingħata notifika taħt il-paragrafu 3, il-manifatturi f'għaqda li għaliha tiġi rreġistrata l-informazzjoni mal-Kummissjoni għandhom jitqiesu bħallikieku huma manifattur wieħed għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 6*

**Monitoraġġ u rappurtar ta' l-emissjonijiet medji**

1. Għas-sena li tibda mill-1 ta' Jannar 2010 u kull sena sussegwenti, kull Stat Membru għandu informazzjoni għal kull karożza ġdida tal-passiġġieri li tkun irreġistrata fit-territorju tiegħu skond il-Parti A ta' l-Anness II.
2. Sat-28 ta' Frar 2011 u kull sena sussegwenti, l-Istat Membru għandu jiddetermina u jittrasferixxi lill-Kummissjoni l-informazzjoni elenkata fil-Parti B ta' l-Anness II fir-rigward tas-sena kalendarja preċedenti. Id-dejta għandha tintbagħat skond il-format speċifikat fil-Parti C ta' l-Anness II.
3. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom ukoll jibgħatu s-sett sħiħ ta' dejta miġbura skond il-paragrafu 1.
4. Il-Kummissjoni għandha żżomm reġistru ċentrali tad-dejta rrapurtata mill-Istati Membri taħt dan l-Artikolu, u sat-30 ta' Ġunju 2011 u kull sena sussegwenti għandha tikkalkula għal kull manifattur fuq bażi proviżorja:
  - (a) l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> fis-sena kalendarja preċedenti fil-Komunità;
  - (b) il-mira ta' l-emissjonijiet speċifiċi fis-sena kalendarja preċedenti; kif ukoll
  - (c) id-differenza bejn l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> fis-sena kalendarja preċedenti u l-mira speċifika ta' l-emissjonijiet tiegħu għal dik is-sena.

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika kull manifattur bil-kalkolu proviżorju għal dak il-manifattur. In-notifika għandha tinkludi dejta skond l-Istat Membru dwar l-għadd ta' karożżi ġodda rreġistrati u l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub>.

Ir-reġistru għandu jkun disponibbli pubblikament.

5. Il-manifatturi jistgħu, fi żmien xahrejn minn meta jiġu nnotifikati dwar il-kalkolu proviżorju skond il-paragrafu 4, jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe żbalji fid-dejta, fejn jispeċifikaw l-Istat Membru li fih iqisu li jkun seħħ l-iżball.

Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kwalunkwe notifikati mill-manifatturi u għandha, sat-30 ta' Settembru, tikkonferma inkella temenda u tikkonferma l-kalkoli proviżorji skond il-paragrafu 4.

6. Meta, fuq il-bażi tal-kalkoli skond il-paragrafu 5, fir-rigward tas-sena kalendarja 2010 jew 2011, il-Kummissjoni jidhrilha li l-medja ta' emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> ta' manifattur f'dik is-sena jkunu qabżu l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi għal dik is-sena, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-manifattur.
7. L-Istati Membri għandhom jinnominaw awtorità kompetenti għall-għbir u l-komunikazzjoni tad-dejta ta' monitoraġġ skond dan ir-Regolament u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-awtorità kompetenti nnominata sa mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

8. Il-Kummissjoni tista' tadotta regoli dettaljati dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar ta' dejta taħt dan l-Artikolu u dwar l-applikazzjoni ta' l-Anness II skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2).

Il-Kummissjoni tista' temenda l-Anness II fid-dawl ta' l-esperjenza ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 12(3).

#### *Artikolu 7*

### **Primjum għall-Emissjonijiet Żejda**

1. Fir-rigward ta' kull sena kalendarja mill-2012 'il quddiem li għaliha l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> ta' manifattur jaqbu l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi f'dik is-sena, il-Kummissjoni għandha timponi primjum għall-emissjonijiet żejda fuq il-manifattur, jew fil-każ ta' għaqda, il-manijer ta' l-għaqda.

2. Il-primjum għall-emissjonijiet żejda fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat bil-formula li ġejja:

L-emissjonijiet żejda x l-għadd ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri x il-primjum għall-emissjonijiet żejda stipulat fil-paragrafu 3.

Fejn:

'Emissjonijiet żejda' tfisser in-numru pożittiv ta' grammi kull kilometru li bih l-emissjonijiet speċifiċi medji tal-manifattur ikunu qabżu l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi fis-sena kalendarja, aġġustat għall-eqreb tliet punti deċimali; kif ukoll

'Għadd ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri' tfisser l-għadd ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri li għalihom huwa l-manifattur u li ġew irreġistrati dik is-sena.

3. Il-primjum fuq l-emissjonijiet żejda għandu jkun:
  - (a) fir-rigward ta' l-emissjonijiet żejda fis-sena kalendarja 2012, 20 euro;
  - (b) fir-rigward ta' l-emissjonijiet żejda fis-sena kalendarja 2013, 35 euro;
  - (c) fir-rigward ta' l-emissjonijiet żejda fis-sena kalendarja 2014, 60 euro; kif ukoll
  - (d) fir-rigward ta' l-emissjonijiet żejda fis-sena kalendarja 2015 u snin sussegwenti, 95 euro;

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi metodi għall-ġbir tal-primjums għall-emissjonijiet żejda fil-kuntest tal-paragrafu 1.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 12(3).

5. L-ammonti tal-primjum fuq l-emissjonijiet żejda għandhom jitqiesu bħala dħul għall-baġit ta' l-Unjoni Ewropea.

#### *Artikolu 8*

### **Il-pubblikazzjoni tar-rendiment tal-manifatturi**

1. Sal-31 ta' Ottubru 2011 u kull sena sussegwenti, il-Kummissjoni għandha tippubblika lista fejn tindika għal kull manifattur:
- (a) il-mira speċifika tagħha ta' l-emissjonijiet fis-sena kalendarja preċedenti;
  - (b) il-medja speċifika tagħha ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> fis-sena kalendarja preċedenti;
  - (c) id-differenza bejn l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> fis-sena kalendarja preċedenti u l-mira speċifika ta' l-emissjonijiet tiegħu għal dik is-sena. kif ukoll
  - (d) l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> għall-karozzi ġodda kollha tal-passiġġieri fis-sena kalendarja preċedenti fil-Komunità.
2. Mill-31 ta' Ottubru 2013, il-lista ppubblikata taħt il-paragrafu 1 għandha tindika wkoll jekk il-manifattur ikunx ikkonforma mar-rekwiżiti ta' l-Artikolu 4 fir-rigward tas-sena kalendarja preċedenti.

#### *Artikolu 9*

### **Deroga speċjali għal manifatturi indipendenti ta' produzzjoni baxxa**

3. Applikazzjoni għal deroga mill-mira ta' emissjonijiet speċifiċi kkalkulata skond l-Anness I tista' ssir minn manifattur li:
- (e) huwa responsabbli għal inqas minn 10,000 karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fil-Komunità kull sena kalendarja; kif ukoll
  - (f) li mhux marbut ma manifattur ieħor.
4. Applikazzjoni għal deroga taħt il-paragrafu 1 tista' tirrigwarda massimu ta' ħames snin kalendarji. Għandha ssir applikazzjoni lill-Kummissjoni u din għandha tinkludi:
- (a) l-isem u l-persuna ta' kuntatt għall-manifattur;
  - (b) provi li l-manifattur huwa eliġibbli għal deroga skond il-paragrafu 1;
  - (c) dettalji tal-karozzi tal-passiġġieri li jimmanifattura, fosthom il-massa u l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> ta' dawk il-karozzi tal-passiġġieri; kif ukoll
  - (d) mira speċifika ta' l-emissjonijiet konsistenti mal-potenzjal tat-tnaqqis, inkluż il-potenzjal teknoloġiku biex inaqqas l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub>
5. Meta l-Kummissjoni tqis li manifattur ikun eliġibbli għal deroga skond il-paragrafu 1 u tkun sodisfatta li l-mira ta' l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> proposta mill-manifattur hija konsistenti mal-potenzjal għat-tnaqqis tiegħu, inkluż il-potenzjal teknoloġiku

għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> tiegħu, il-Kummissjoni għandha tagħti deroga lill-manifattur. Id-deroga għandha tapplika mill-1 ta' Jannar tas-sena wara l-applikazzjoni.

6. Manifattur li huwa soġġett għal deroga skond dan l-Artikolu għandu jinnotifika lill-Kummissjoni immedjatement dwar kwalunkwe tibdil li jaffettwa jew li jista' jaffettwa l-eliġibbiltà tiegħu għal deroga.
7. Jekk, fuq il-bażi ta' notifika skond il-paragrafu 4 jew mod ieħor, il-Kummissjoni tqis li manifattur ma jkunx għadu eliġibbli għad-deroga, għandha tirrevoka d-deroga b'effett mill-1 ta' Jannar fis-sena kalendarja ta' wara u għandha tinnotifika lill-manifattur.
8. Meta l-Kummissjoni tqis li l-manifattur ma jkunx qed iwettaq il-programm ta' tnaqqis li jissema fl-applikazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni tista' tirrevoka d-deroga.
9. Il-Kummissjoni tista' tadotta dispożizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafi (1) sa (6), inkluża l-interpretazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà għal deroga, il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet u dwar il-kontenut u l-valutazzjoni tal-programmi għat-tnaqqis ta' emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub>.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 12(3).

#### *Artikolu 10*

#### **Analiżi u rapport**

1. Fl-2010, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' l-Approċċ Integrat tal-Komunità sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-vetturi għall-użu ħafif.
2. Fl-2010, il-Kummissjoni għandha tivvaluta fuq il-bażi tad-dejta rrapportata fil-kuntest tad-Deċiżjoni 1753/2000/KE, jekk bejn l-2006 u l-2009 kienx hemm bidla ta' aktar jew inqas minn 0 fil-massa ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri.

Jekk ma jkunx hemm bidla fil-massa ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri, iċ-ċifra għaż-żieda awtonoma tal-massa fl-Anness I għandha tiġi emendata biex tkun il-medja tat-tibdil annwali fil-massa bejn is-snin kalendarji 2006 u 2009.

Emenda bħal din, imfassla biex temenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 12(3).

3. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-iżviluppi teknoloġiċi bil-għan li temenda kif xieraq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament KE Nru 715/2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur (traduzzjoni mhux uffiċjali).

*Artikolu 11*  
**Tagħrif għall-konsumatur**

Mill-ewwel ta' Jannar 2010, il-manifatturi għandhom jiżguraw li t-tikketti, il-kartelluni jew il-letteratura promozzjonali kollha tat-tip imsemmi fl-Artikolu 3, 5 u 6 tad-Direttiva 1999/94/KE jindikaw kemm l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> tal-karozza tal-passiġġieri offruta għal bejgħ huma differenti mill-mira speċifika ta' emissjonijiet għal dik il-karozza tal-passiġġieri skond l-Anness I.

*Artikolu 12*  
**Kumitat**

- (2) Il-Kummissjoni għandha tingħata għajnuna mill-kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 93/389/KEE.
- (3) Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqies l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun iffissat għal tliet xhur.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

*Artikolu 13*  
**Finanzjament mill-Komunità**

L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fuq il-livell Komunitarju għandu jiġi appoġġat mill-Istrument Komunitarju Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE+) li diġà jeżisti, skond ir-regoli u l-kundizzjonijiet applikabbli għar-Regolament (KE) Nru 614/2007.

*Artikolu 14*  
**Revoka**

Id-Deċiżjoni 1753/2000/KE għandha tkun revokata b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.

Madankollu, l-Artikoli 4, 9 u 10 ta' dik id-Deċiżjoni għandhom jibqgħu japplikaw sakemm il-Kummissjoni tkun rressqet quddiem il-Parlament Ewropew rapport dwar id-dejta ta' monitoraġġ għas-sena kalendarja 2009.

*Artikolu 15*  
**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.



Magħmul fi Brussell, [...]

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*  
*[...]*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
*[...]*

**ANNESS I**  
**MIRI SPEĊIFIĊI TA' EMISSJONIJIET TA' CO<sub>2</sub>**

1. Għal kull karozza tal-passiġġieri, l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> permessi, imkejla fi grammi kull kilometru għandhom jiġu ddeterminati skond il-formula li ġejja:

$$\text{L-emissjonijiet speċifiċi ta' CO}_2 \text{ permessi} = 130 + a \times (M - M_0)$$

Fejn:

M = il-massa tal-vettura f'kilogrammi (kg)

$$M_0 = 1289.0 \times f$$

$$f = (1 + \text{AMI})^6$$

Żieda fil-massa awtonoma (AMI) = 0 %

$$a = 0.0457$$

2. Il-mira speċifika ta' emissjonijiet għal manifattur f'sena kalendarja għandha tiġi kkalkulata bħala medja ta' l-emissjonijiet speċifiċi permessi ta' kull karozza ġdida tal-passiġġieri li jimmanifaturaha f'dik is-sena kalendarja.

**ANNEX II**  
**MONITORAĠĠ U RAPPORTAR TA' L-EMISSJONIJIET**

**PARTI A – Ġbir ta' dejta dwar karożżi ġodda tal-passiġġieri u determinazzjoni ta' l-informazzjoni dwar il-monitoraġġ ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>**

1. Għas-sena li tibda mill-1 ta' Jannar 2010 u kull sena sussegwenti, l-Istati Membri għandhom iniżżlu d-dettalji li ġejjin għal kull karożza ġdida tal-passiġġieri li tkun irreġistrata fit-territorju tagħhom:
  - (a) il-manifattur;
  - (b) it-tip, il-varjant u l-verżjoni;
  - (c) l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> (g/km) li tarmi;
  - (d) il-massa (kg);
  - (e) it-tul bejn rota u oħra (mm); kif ukoll
  - (f) il-wisa' bejn rota u oħra (mm).
  
1. Id-dettalji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jittieħdu miċ-ċertifikat ta' konformità għall-karożza rilevanti tal-passiġġieri. Meta ċertifikat tal-konformità jispeċifika kemm il-massa minima kif ukoll dik massima għal karożza tal-passiġġieri, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-Istat Membru għandu juża biss iċ-ċifra massima.
  
2. Għas-sena li tibda mill-1 ta' Jannar 2010 u kull sena sussegwenti, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw, f'konformità mal-metodi deskritti fil-Parti B, skond il-manifattur:
  - (g) l-għadd totali ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fit-territorju tagħhom;
  - (h) l-emissjonijiet speċifiċi medji għas-CO<sub>2</sub>, kif speċifikat fil-paragrafu 7 tal-Parti B ta' dan l-Anness;
  - (i) il-massa medja, kif speċifikat fil-paragrafu 8 tal-Parti B ta' dan l-Anness;
  - (j) għal kull varjant ta' kull verżjoni ta' kull tip ta' karożza ġdida tal-passiġġieri:
    - (i) l-għadd totali ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fit-territorju tagħhom, kif speċifikat fil-paragrafu 7 tal-Parti B ta' dan l-Anness;
    - (ii) l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub>;
    - (iii) il-massa;
    - (iv) il-"pass" tal-karożza, kif speċifikat fil-paragrafu 9 tal-Parti B ta' dan l-Anness;

PARTI B - Il-metodoloġija biex tiġi determinata l-informazzjoni dwar il-monitoraġġ ta' CO<sub>2</sub> għal karożżi għodda tal-passiġġieri

3. Informazzjoni dwar il-monitoraġġ li l-Istati Membri huma marbuta jiddeterminaw skond il-paragrafu 3 tal-parti A għandha tiġi determinata skond il-metodoloġija f'din il-Parti.

**L-għadd ta' karożżi għodda tal-passiġġieri rreġistrati ( $N$ ).**

4. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-għadd ta' karożżi għodda tal-passiġġieri rreġistrati fit-territorju tagħhom matul is-sena ta' monitoraġġ rispettiva,  $N$ .

**L-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> tal-karożżi l-għodda tal-passiġġieri ( $S_{ave}$ )**

5. L-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> għall-karożżi l-għodda kollha tal-passiġġieri rreġistrati għal-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru fis-sena ta' monitoraġġ ( $S_{ave}$ ) jiġi kkalkulat billi wieħed jiddividi l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> għal kull karożza għodda tal-passiġġieri,  $S$ , bl-għadd ta' karożżi għodda tal-passiġġieri,  $N$ .

$$S_{ave} = (1/N) \times \Sigma S$$

**Il-massa medja ta' karożżi għodda tal-passiġġieri**

Il-massa medja tal-karożżi l-għodda kollha tal-passiġġieri rreġistrati fit-territorju ta' Stat Membru fis-sena ta' monitoraġġ ( $M_{ave}$ ) tiġi kkalkulata billi wieħed jiddividi l-massa ta' kull karożza għodda tal-passiġġieri,  $M$ , bl-għadd ta' karożżi għodda tal-passiġġieri,  $N$ .

$$M_{ave} = (1/N) \times \Sigma M$$

**It-tqassim ta' karożżi għodda tal-passiġġieri skond il-varjant**

6. Għal kull varjant ta' kull verżjoni ta' kull tip ta' karożza għodda tal-passiġġieri, għandhom jitniżżlu l-għadd ta' karożżi tal-passiġġieri rreġistrati għall-ewwel darba, il-massa tal-vetturi, l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> u il-"pass" tal-karożza.

**Il-"Pass"**

Il-pass tal-karożza għandu jiġi kkalkulat permezz tal-moltiplikazzjoni tat-tul tal-karożza (bejn it-tajers ta' quddiem u ta' wara) mal-wisa' bejn ir-roti tax-xellug u tal-lemin tal-karożza.

**PARTI C – Format għat-trażmissjoni tad-dejta**

1. Għal kull manifattur, u għal kull sena, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-dejta deskritta fil-paragrafu 3 tal-parti A fil-formati li ġejjin:

– *Dejta aggregata:*

Sena:				
Il-manifattur	L-għadd totali ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati.	Il-medja ta' l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO <sub>2</sub> (g/km)	Il-massa medja (kg)	Il-pass medju (m <sup>2</sup> )
<i>(Manifattur 1)</i>	...	...	...	...
<i>(Manifattur 2)</i>	...	...	...	...
...	...	...	...	...
<b>It-total tal-manifatturi kollha</b>	...	...	...	...

– *Dejta dettaljata fuq il-livell tal-manifatturi:*

Sena	Il-manifattur	Tip ta' Karożza	Verżjoni	Il-Varjant	Għamla	Isem kummerċjali	Total ta' reġistrazzjonijiet ġodda	L-emissjonijiet speċifiċi ta' CO <sub>2</sub> (g/km)	Massa (kg)	Il-pass (m <sup>2</sup> )
Sena 1	(Isem il-manifattur 1)	(Isem it-tip 1)	(Isem il-verżjoni 1)	(Isem il-varjant 1)	...	...	...	...	...	...
Sena 1	(Isem il-manifattur 1)	(Isem it-tip 1)	(Isem il-verżjoni 1)	(Isem il-varjant 2)	...	...	...	...	...	...
Sena 1	(Isem il-manifattur 1)	(Isem it-tip 1)	(Isem il-verżjoni 2)	(Isem il-varjant 1)	...	...	...	...	...	...
Sena 1	(Isem il-manifattur 1)	(Isem it-tip 1)	(Isem il-verżjoni 2)	(Isem il-varjant 2)	...	...	...	...	...	...
Sena 1	(Isem il-manifattur 1)	(Isem it-tip 2)	(Isem il-verżjoni 1)	(Isem il-varjant 1)	...	...	...	...	...	...
Sena 1	(Isem il-manifattur 1)	(Isem it-tip 2)	(Isem il-verżjoni 1)	(Isem il-varjant 2)	...	...	...	...	...	...
Sena 1	(Isem il-manifattur 1)	(Isem it-tip 2)	(Isem il-verżjoni 2)	(Isem il-varjant 1)	...	...	...	...	...	...
Sena 1	(Isem il-manifattur 1)	(Isem it-tip 2)	(Isem il-verżjoni 2)	(Isem il-varjant 2)	...	...	...	...	...	...

Sena 1	(Isem il-manufattur 1)			...	...	...	...	...	...	...
Sena 1	(Isem il-manufattur 1)		...	...	...	...	...	...	...	...
Sena 1	(Isem il-manufattur 1)	...		...	...	...	...	...	...	...
Sena 1	(Isem il-manufattur 1)		...	...	...	...	...	...	...	...
Sena 1	(Isem il-manufattur 1)	...	...	...	...	...	...	...	...	...

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. ISEM IL-PROPOSTA:

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi tal-passiġġieri**

### 2. IL-QAFAS ABM / ABB:

Il-Qasam/Oqsma ta' Politika kkonċernati u assoċjati ma' l-Attività/Attivitajiet:

0703 – Implimentazzjoni tal-Politika Ambjentali

### 3. IL-LINJI TAL-BAĠIT

#### 3.1. Linji tal-baġit (linji operattivi u linji ta' għajjnuna teknika u amministrattiva relatati (ex-linji BA)) li jinkludu l-intestaturi:

07 01 04 01: LIFE+ (Strument Finanzjarju għall-Ambjent – 2007-2013) Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva – Intestatura 2

07 03 07: LIFE+ (Strument Finanzjarju għall-Ambjent – 2007-2013) – Intestatura 2

#### 3.2. Tul ta' l-azzjoni u ta' l-impatt finanzjarju:

L-azzjoni (Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi tal-passiġġieri) mistennija tidħol fis-seħħ fl-2010. Għall-perjodu 2010 – 2013, in-nefqa operattiva se tkun koperta mill-istrument Finanzjarju LIFE +.

#### 3.3. Karatteristiċi tal-baġit:

Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa		Ġdida	Kontribuzzjon i ta' l-EFTA	Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti	L-intestatura fil-perspettiva finanzjarja
07 01 04 01	Mhux Oblig.	Mhux diff <sup>21</sup>	LE	LE	IVA	Nru 2
07 03 07	Mhux Oblig.	Diff/	LE	LE	IVA	Nru 2

<sup>21</sup> L-appropriazzjonijiet mhux differenzjati minn hawn 'il quddiem 'AMD'.

#### 4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

##### 4.1. Riżorsi Finanzjarji

##### 4.1.1. Sommarju ta' approprjazzjonijiet ta' impenn (AI) u approprjazzjonijiet ta' ħlas (AH)

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

It-tip tan-nefqa	Taqsim a Nru		2010	2011	2012	2013	2014	2015 u wara	Total
------------------	-----------------	--	------	------	------	------	------	-------------------	-------

##### Nefqa operattiva<sup>22</sup>

Approprjazzjonijiet ta' Impenn (IA)	8.1.	a	0,400	0,200	0,200	0,300	0,300	0,300	1,700
Approprjazzjonijiet ta' Ħlas (AH)		b	0,240	0,200	0,240	0,260	0,280	0,480	1,700

##### Nefqa amministrattiva inkluża fl-ammont ta' referenza<sup>23</sup>

Għajnuna teknika u amministrattiva (AMD)	8.2.4.	c	-	-	-	-	-	-	-
--	--------	---	---	---	---	---	---	---	---

##### AMMONT TA' REFERENZA TOTALI

Approprjazzjonijiet ta' Impenn		a+c	0,400	0,200	0,200	0,300	0,300	0,300	1,700
Approprjazzjonijiet ta' Ħlas		b+c	0,240	0,200	0,240	0,260	0,280	0,480	1,700

##### Nefqa amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza<sup>24</sup>

Riżorsi umani u nefqa assoċjata (AMD)	8.2.5.	d	0,351	0,351	0,351	0,585	0,585	0,585	2,808
Spejjeż amministrattivi, għajr għal riżorsi umani u spejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (AMD)	8.2.6.	e	0,125	0,095	0,065	0,068	0,068	0,068	0,489

##### Spiża finanzjarja indikattiva totali ta' l-intervent

TOTAL AI inkluż l-ispiża ta' Riżorsi Umani		a+c +d+ e	0,876	0,646	0,616	0,953	0,953	0,953	4,997
L-AH TOTALI bl-inklużjoni tar-Riżorsi Umani		b+c +d+ e	0,716	0,646	0,656	0,913	0,933	1,133	4,997

<sup>22</sup> Nefqa li ma taqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx ikkonċernat.

<sup>23</sup> Nefqa skond l-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

<sup>24</sup> Nefqa skond il-Kapitolu 01 minbarra l-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.



## Dettalji ta' kofinanzjament

Jekk il-proposta tinvolvi l-kofinanzjament mill-Istati Membri, jew minn korpi oħra (jekk jogħġbok speċifika liema), għandha tkun indikata stima tal-livell ta' dan il-kofinanzjament fit-tabella ta' hawn taħt (jistgħu jiddaħħlu linji addizzjonali jekk huma previsti korpi differenti li jipprovdu l-kofinanzjament):

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Korp ta' kofinanzjament		Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
.....	f							
TOTAL AI inkluż kofinanzjament	a+c+d+e+f							

### 4.1.2. Kompatibbiltà ma' l-Ipprogrammar Finanzjarju

- Il-proposta hija kompatibbli ma' l-ipprogrammar finanzjarju eżistenti sa l-2013.
- Il-proposta se tkun tikkonsisti fi programmar mill-ġdid ta' l-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.
- Il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali<sup>25</sup> (jiġifieri strument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

### 4.1.3. L-impatt finanzjarju fuq id-Dħul

- Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjonijiet finanzjarji fuq id-dħul
- Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

EUR miljuni (sa ċifra deċimali waħda)

Linja tal-baġit	Id-dħul	Qabel l-azzjoni [Sena n-1]	Il-qagħda wara l-azzjoni					
			[Sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5] <sub>26</sub>
	a) Dħul f'termini assoluti							
	b) Bidla fid-dħul	Δ						

<sup>25</sup> Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

<sup>26</sup> Kolonni addizzjonali għandhom jiġiedu jekk ikun meħtieġ jiġifieri jekk id-dewmien ta' azzjoni jisboq is-6 snin.

Ir-Regolament huwa mfassal b'tali mod li jassigura konformità massima mill-manifatturi kollha u b'riżultat ta' dan, mhux mistenni li jiġi ġġenerat dħul permezz tal-Primjums għall-Emissjonijiet Żejda kif previst fl-Artikolu 7. Madankollu, fil-każ li d-dħul jiġi ġġenerat permezz ta' l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dan jiddaħħal fil-baġit ġenerali ta' l-UE. Il-valutazzjoni ta' impatt li takkumpanja l-proposta tipprowdi meded ta' Primjums totali għall-Emissjonijiet Żejda li jistgħu ikunu dovuti fil-każ ta' nuqqas ta' konformità.

**4.2. Riżorsi Umani FTE (inklużi uffiċċjali, staff temporanju u estern) – ara d-dettall taħt il-punt 8.2.1.**

<b>Il-ħtiġijiet annwali</b>	2010	2011	2012	2013	2014	2015 u wara
Total tar-riżorsi umani	3	3	3	5	5	5

**5. IL-KARATTERISTIĊI U L-GĦANIJIET**

**5.1. Il-ħtieġa li għandha tintlaħaq f'terminu ta' żmien qasir jew twil**

L-għan kumplessiv ta' dan ir-Regolament huwa li sa l-2012, il-medja ta' l-emissjonijiet mill-flotta tal-karozzi ġodda tiġi limitata għal 130 g CO<sub>2</sub>/km sa l-2012. Din hija parti mill-approċċ integrat u se tkun ikkomplimentata minn miżuri li jwasslu għal tnaqqis ulterjuri ta' 10g CO<sub>2</sub>/km sabiex tintlaħaq il-mira Komunitarja ta' 120g CO<sub>2</sub>/km, kif previst fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija riveduta għas-CO<sub>2</sub> u l-karozzi tas-7 ta' Frar 2007 (COM(2007) 19).

**5.2. Il-valur miżjud ta' l-involvement Komunitarju u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u s-sinerġija possibbli**

Il-Komunità għandha l-mira fundamentali li tnaqqas il-medja ta' l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi l-ġodda fil-Komunità, u l-Kunsill u l-Parlament Ewropew appellaw lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għal-leġiżlazzjoni f'dan ir-rigward. L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu tajjeb biżżejjed mill-Istati Membri minħabba l-ħtieġa li jiġi evitat li jixirfu ostakli għas-suq intern, in-natura transkonfinali tat-tibdil fil-klima u l-varjazzjonijiet kbar fil-medji nazzjonali attwali ta' l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> għall-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri: Barra minn hekk, l-adozzjoni ta' miri għall-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-karozzi fuq il-livell Komunitarju, tippermetti aktar flessibilità għall-manifatturi biex jimplementaw it-tnaqqas ta' CO<sub>2</sub> meħtieġ fil-flotta ta' karozzi ġodda fil-Komunità minflok ma jkun hemm strateġiji speċifiċi għal għanijiet nazzjonali speċifiċi ta' tnaqqis.

**5.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM**

Il-proposta ssegwi l-għanijiet ta' politika ġenerali li ġejjin:

- Tipprovdi għal livell għoli ta' ħarsien ambjentali fl-Unjoni Ewropea u tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri ta' Kjoto ta' l-UE,
- It-titjib fis-sigurtà tal-provvista ta' l-Enerġija ta' l-UE
- It-trawwim tal-kompetittività ta' l-industrija Ewropea tal-karozzi u inkoraġġiment għar-riċerka f'teknoloġiji għall-konsum effiċjenti tal-fjuwil.

L-għan speċifiku tal-proposta huwa li jitnaqqsu l-impatti tat-tibdil tal-klima u tittejjeb l-effiċjenza tal-karozzi tal-passiġġieri billi tintlaħaq il-mira ta' valur medju ta' emissjonijiet ta' 130g CO<sub>2</sub>/km għall-karozzi ġodda li jinbigħu. Dan il-valur medju ta' l-emissjonijiet jservi ta' indikatur għall-implimentazzjoni tal-proposta.

#### 5.4. Metodu ta' Implimentazzjoni (indikattiv)

- Ġestjoni Ċentralizzata***
  - direttament mill-Kummissjoni
  - indirettament permezz ta' delega lil:
    - Aġenziji eżekuttivi
    - korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet kif jissema fl-Art. 185 tar-Regolament Finanzjarju
    - entitajiet mis-settur nazzjonali pubbliku / entitajiet b'missjoni ta' servizz pubbliku
- Ġestjoni maqsuma jew diċentralizzata***
  - ma' Stati Membri
  - ma' Pajjiżi terzi
- Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)***

Kummenti rilevanti:

## 6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

### 6.1. Sistema ta' monitoraġġ

Il-proposta se tibni fuq l-iskema ta' monitoraġġ li diġà teżisti u li ġiet stabbilita sabiex tiġi segwita l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' CO<sub>2</sub> u l-karozzi. Hija bbażata fuq dejta rigward ir-reġistrazzjonijiet ta' karozzi ġodda u l-karatteristiċi tagħhom, fosthom emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub>, li tiġi rrapportata lill-Kummissjoni mill-Istati Membri.

Il-kuntratti li l-Kummissjoni tiffirma għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva għandhom jipprovdu għas-superviżjoni u l-kontroll finanzjarju min-naħa tal-Kummissjoni

(jew ta' kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha) u l-verifiki min-naħa tal-Qorti ta' l-Awdituri, jekk ikun hemm bżonn fil-post stess.

## **6.2. Evalwazzjoni**

### *6.2.1. Evalwazzjoni ex-ante*

Ara l-Valutazzjoni ta' l-Impatt li takkumpanja din il-proposta bħala Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff tal-Kummissjoni. L-impatti tal-miżuri kollha proposti tqiesu mil-lati ekonomiċi, soċjali u ambjentali.

### *6.2.2. Miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedjarja/ex-post (tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi)*

### *6.2.3. Termini u frekwenza ta' l-evalwazzjoni futura*

Il-miżura se tiġi analizzata skond skond l-Artikolu 10.

## **7. MIŻURI KONTRA L-FRODI**

Applikazzjoni sħiħa ta' l-istandards tal-kontroll intern Nri 14, 15, 16, 18, 19, 20 u 21, kif ukoll tal-prinċipji tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta jkunu implimentati azzjonijiet li jkunu ffinanzjati taħt din il-proposta, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attivitajiet illegali oħrajn, b'verifiki effettivi u bl-irkupru ta' l-ammonti li ma jkunux tħallsu kif suppost u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, b'penali li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Għall-finijiet ta' prevenzjoni tal-frodi fl-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 7, hija prevista sistema soda ta' monitoraġġ u rappurtar skond l-Artikolu 6 u marbuta ma' l-Anness I. Barra minn hekk, il-Paragrafu 8 ta' l-Artikolu 6 jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tadotta linji ta' gwida dwar ir-reqwiziti ta' monitoraġġ u rappurtar li l-Istati Membri jkollhom jirrispettaw.

## 8. ID-DETTALJI TAR-RIŻORSI

### 8.1. L-għanijiet tal-proposta f'termini ta' l-ispejjeż involuti

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

(Intestaturi ta' Għanijiet, azzjonijiet u riżultati għandhom jingħataw)	Tip ta' riżultat	Spiża medja	Sena 2010		Sena 2011		Sena 2012		Sena 2013		Sena 2014		Sena 2015 u wara		TOTAL	
			Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali
GĦAN OPERATTIV Nru 1 – l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' rappurtar u monitoraġġ																
<b>Azzjoni 1 – il-ġbir u l-analiżi tad-dejta</b>																
reviżjoni tal-bidliet fil-massa ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri (Artikolu 10)	Studju	0,20	1	0,200											1	0,20
Il-ġbir u l-analiżi tad-dejta rċevuta – reġistru ċentrali tad-dejta	Servizz u sistema ta' l-IT	0,20	1	0,200	1	0,200	1	0,200	1	0,300	1	0,300	1	0,300	6	1,500
<b>SPIŻA TOTALI</b>				0,400		0,200		0,200		0,300		0,300		0,300		1,700

## 8.2. Nefqa Amministrattiva

### 8.2.1. Għadd u tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' karigi		Staff li għandu jiġi assenjat għat-tmexxija ta' l-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali ( <b>għadd ta' karigi/FTEs</b> )					
		2010	2011	2012	2013	2014	2015
Uffiċjali jew persunal temporanju <sup>27</sup> (XX 01 01)	A*/AD	2	2	2	4	4	4
	B*, C*/AST	1	1	1	1	1	1
Persunal iffinanzjat <sup>28</sup> mill-Art. XX 01 02							
Persunal ieħor <sup>29</sup> iffinanzjat mill-Art. XX 01 04/05							
<b>TOTAL</b>		<b>3</b>	<b>3</b>	<b>3</b>	<b>5</b>	<b>5</b>	<b>5</b>

### 8.2.2. Deskrizzjoni ta' ħidmiet li jirriżultaw mill-azzjoni

Fl-ewwel snin (2010-2012), il-kompiti ewlenin li jirriżultaw mill-azzjoni se jkunu marbuta mal-konsolidazzjoni ta' l-iskema ta' monitoraġġ permezz tal-forniment ta' gwida għall-Istati Membri u xogħol fuq l-attivitajiet ta' monitoraġġ li diġà wettqu l-Istati Membri, kif kien ġie stabbilit permezz tad-Deċiżjoni 1753/2000/KE (li għandha tiġi rrevokata minn dan ir-Regolament). Barra mill-igwidar għall-finijiet ta' monitoraġġ, il-Kummissjoni se jkollha żżom regjistru ċentrali tad-dejta li tiġi rrapurtata, tgħarraf lill-manifatturi tal-karozzi dwar id-dejta li tirrigwardhom, kif rrapurtata mill-Istati Membri, tippubblika d-dejta u mill-2011 'il quddiem tippubblika rapport annwali ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, mill-2013 'il quddiem, għandu jiġi assigurat il-ġbir ta' Primjums għall-Emissjonijiet Żejda fil-każ ta' nuqqasijiet ta' konformità.

### 8.2.3. Sorsi ta' riżorsi umani (statutorji)

- Karigi attwalment allokat li tmexxija tal-programm li se jinbidlu jew jiġu estiżi
- Karigi allokat minn qabel fi ħdan l-eżerċizzju APS/PDB għas-sena n

<sup>27</sup> L-ispiża tiegħu MHIX koperta mill-ammont ta' referenza

<sup>28</sup> L-ispiża tiegħu MHIX koperta mill-ammont ta' referenza

<sup>29</sup> L-ispiża tiegħu hija inkluża fl-ammont ta' referenza

- Karigi li se jintalbu fil-proċedura APS/PDB li jmiss
- Karigi li jridu jergġu jimtew permezz ta' riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' tmexxija (tqassim mill-ġdid intern)
- Karigi meħtieġa għal sena n iżda mhux previsti għall-eżerċizzju APS/PDB tas-sena konċernata

8.2.4. *Nefqa Amministrattiva oħra inkluża fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – In-nefqa għall-ġestjoni amministrattiva)*

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Linja tal-baġit (numru u intestatura)	Sena 2010	Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	Sena 2014	Sena 2015 u wara	TOTAL
<b>1 Ghajjnuna teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż relatati tal-persunal)</b>							
Aġenziji eżekuttivi <sup>30</sup>							
Għajjnuna teknika u amministrattiva oħra:							
- <i>intra muros</i>							
- <i>extra muros</i>							
<b>Għajjnuna teknika u amministrattiva totali</b>	0	0	0	0	0	0	0

8.2.5. *Spiża finanzjarja ta' riżorsi umani u spejjeż assoċjati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza*

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	2010	2011	2012	2013	2014	2015 u wara
Uffiċjali u persunal temporanju (XX 01 01)	0,351	0,351	0,351	0,585	0,585	0,585
Persunal finanzjat mill-Art. XX 01 02 (awżiljarju, esperti nazzjonali ssekondati, persunal bil-kuntratt, eċċ.)  (indika l-linja tal-baġit)						
<b>Spiża totali ta' Riżorsi Umani u spejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)</b>	<b>0,351</b>	<b>0,351</b>	<b>0,351</b>	<b>0,585</b>	<b>0,585</b>	<b>0,585</b>

<sup>30</sup> Ir-referenzi għandhom isiru għall-dikjarazzjoni leġislattiva finanzjarja għall-Aġenzija/i Eżekuttiva/i kkonċernata/i.



**Kalkolu – Uffiċjali u Aġenti Temporanji**

Għandha ssir referenza għall-punt 8.2.1, jekk ikun il-każ

Is-salarju standard għal aġent uffiċjali jew temporanju wieħed kif previst fil-Punt 8.2.1 huwa ta' 0.117 M€.

**Kalkolu - Il-persunal iffinanzjat taħt l-art. XX 01 02**

Għandha ssir referenza għall-punt 8.2.1, jekk ikun il-każ

**8.2.6. Nefqiet oħra amministrattivi mhux inklużi fl-ammont ta' referenza**

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

	2010	2011	2012	2013	2014	2015 u wara	2010 - 2015
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet	0,005	0,005	0,005	0,008	0,008	0,008	0,039
XX 01 02 11 02 – Laqgħat & Konferenzi	0,060	0,030	0,030	0,030	0,030	0,030	0,210
XX 01 02 11 03 – Kumitati <sup>31</sup>	0,060	0,060	0,030	0,030	0,030	0,030	0,240
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet							
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' tagħrif							
<b>2 Total ta' l-Infiq ieħor ta' natura Ġestjonarja (XX 01 02 11)</b>							
<b>3 Infiq ieħor ta' natura amministrattiva (speċifika u inkludi referenza għal-linja tal-baġit)</b>							
<b>Nefqa amministrattivi totali, għajr riżorsi umani u spejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)</b>	0,125	0,095	0,065	0,068	0,068	0,068	0,489

**Kalkolu – Infiq ieħor amministrattiv li mhux inklużi fl-ammont ta' referenza**

Mill-2010 sa l-2012, 5 missjonijiet fis-sena bi spiża ta' EUR 1,000 kull missjoni. Mill-2013 'il quddiem, 8 missjonijiet fis-sena.

<sup>31</sup> Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li għalih jappartjeni.

Il-Laqgħat tal-Kumitat Regulatorju stabbiliti taħt ir-Regolament (spiża kull waħda: 30,000 € kull laqgħa) huma previsti darbtejn fis-sena matul l-ewwel sentejn, u darba fis-sena wara dan.

Il-laqgħat ta' l-esperti fuq suġġetti speċifiċi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (spiża kull unità: 30,000 € kull laqgħa) huma previsti darbtejn fl-2010, u darba fis-sena wara dan.

Il-ħtiġijiet għal riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti bl-allokazzjoni li tista' tingħata lid-DĠ li jmessi fil-qafas tal-proċedura għall-allokazzjoni annwali, fid-dawl ta' restrizzjonijiet ta' baġit.